MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 405/1997/1

Ganni Azzopardi
vs
Direttur tax-Xogholijiet Pubblici

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa garrab ingustizzji bejn l-1987 u l-1995 fl-impieg tieghu billi ma nghatax il-promozzjoni li jisthoqqlu.

Illi r-rikorrent dahal mad-Dirghajn il-Maltin fl-1975, u fl-1980 sar impjegat fiss mal-Gvern.

Illi mill-1975 sal-lum ir-rikorrent hadem bhala Acting Time Keeper u Supervisor fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici f'Ghawdex.

Illi wara li f'Marzu 1987 ir-rikorrent kien applika ghall-promozzjoni ta' Time Keeper II u Supervisor, ir-rizultat qatt ma hareg wara l-Elezzjoni ta' l-1987.

Illi f'Jannar 1990 ir-rikorrent rega' ghamel interview ghall-istess postijiet imsemmija, izda minkejja s-snin twal li ilu jaghmel ix-xoghol, il-promozzjoni ma nghatatx lir-rikorrent, waqt li nghatat lil min zgur ma jisthoqqlux il-promozzjoni daqs ir-rikorrent.

Illi r-rikorrent kien ilu jigi ttrattat ingustament u b'mod diskriminatorju.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jinvestiga l-ilmenti msemmija skond l-Att VIII ta' l-1997 u jiddikjara li r-rikorrent garrab ingustizzji fl-impieg u li t-Tribunal jaghti rimedju xieraq billi jiddikjara li r-rikorrent ghandu jitqies li jinghata promozzjoni ghal Timekeeper II u Supervisor mid-data ffissata mit-Tribunal, u li r-rikorrent ghandu jithallas ammont b'kumpens ghat-telf finanzjarju li huwa sofra minhabba l-ingustizzja li garrab.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie impjegat bhala Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 t'April 1979. Hu lahaq il-grad ta' Plasterer and Painter fid-9 ta' Jannar 1981. Fl-1 ta' Jannar 1991 lahaq bhala Senior Operative permezz tar-riforma u ghadu jgawdi din il-kariga sal-lum.

Fit-28 ta' Novembru 1988 kienet harget sejha numru 130/88 ghall-applikazzjonijiet ghal gradi rispettivi fi gruppi B, C u D. Ir-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Plasterer and Painter u ghaldaqstant kien eligibbli biex japplika. Abbazi hu applika ghall-grad ta' Timekeeper II u Supervisor u nghata n-numru 909 bhala n-numru ta' riferenza. Sussegwentement, gab 36 u 33 marka minn total ta' 100

f'kull kategorija. Ghaldaqstant hu ma ssodisfax il-kriterji tal-Bord u b'rizultat ma giex maghzul ghall-promozzjoni.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidra
Xehed Frederick Azzopardi li qal li darba kien membru f'bord ta' ghazla li kien ghamel l-intervisti mal-Works Division. Qal li dawn kienu saru fl-1990. Qal li fl-intervisti dejjem kienu jintuzaw l-istess kriterji hekk kif pre-stabbiliti mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Qal li dwar it-trade test fl-intervisti li saru ghal supervisors u time-keepers, kienet issirilhom domanda dwar snajja minn persuna teknika li kienet membru tal-Bord. Qal li kienu jitolbuhom jirrilevu master-roll u attendenza, kif ukoll kif jirrapurtaw lis-superjuri taghhom jekk xi haddiem ma jkunx qed jobdi r-regolamenti. Qal ukoll li generalment ic-Chairman fil-membri tal-Bord kien ikun il-persuna teknika u c-Chairman dak iz-zmien kien Charles Calleja u kien hemm James Portelli, rapprezentant tal-Establishments. Semma li hu kien rapprezentant tal-Ministru ghal Ghawdex. Hu spjega li fit-trade test kienet tigi kkunsidrata l-licenzja li l-applikant ikollu f'dik is-sengha li jkun applika ghaliha. Zied ighid li taht il-kriterju ta' 'other qualifications' kienu jaqghu affarijiet akkademici ohrajn jew licenzji ohra li ma jkunux ghat-trade li jkun applika fiha. Qal li fir-rigward ta' dawk il-kandidati li applikaw ghal time keepers u supervisors kienu jaraw li jafu ftit matematika u li jkunu jafu jaqraw u jiktbu. Dwar il-kriterju ta' l-esperjenza qal li kienu jaraw is-snajja u jekk kienx qatt ghamel dak ix-xoghol qabel. Dwar il-kriterju ta' aptitude qal li kien jiddependi mill-prestazzjoni ta' l-applikant waqt l-interview. Qal li waqt l-intervisti, l-ezaminaturi ma kellhomx file personali tal-applikanti; kellhom biss l-applikazzjoni bis-service and leave record sheet tal-applikanti. Qal li taw il-

marki taghhom fuq bazi personali, u meta kien johrog l-applikant kienu johorgu marka globali. Izda fir-rigward tad-domandi teknici kienu joqghodu fuq il-parir tal-persuna teknika fuq il-bord.

Xehed Joe Dimech li fl-1987 kien Assistant WTO mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Hu jiftakar li r-rikorrent kien jahdem ta' Acting Supervisor, kellu haddiema mieghu u kien jiehu hsieb ix-xogholijiet u dan sal-1995. Hu ddeskriva lir-rikorrent bhala tajjeb hafna fuq xoghlu.

Xehed Emanuel Cortis Assistant Principal fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Hu kkonferma li Ganni Azzopardi kien impjegat bhala plasterer u painter fid-Divizjoni tax-Xogholijiet. Qal li r-rikorrent applika ghall-gradi ta' Timekeeper II u Supervisor taht sejha 130/88. Qal li r-rikorrent gab 36 marka ghall-grad ta' Timekeeper II u 33 marka ghall-grad ta' Supervisor. Qal ukoll li l-pass mark kienet 60 marka u zied jghid li ghalhekk ir-rikorrent ma ssodisfax il-kriterji pre-stabbiliti mill-Bord.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent ghamel zmien twil hafna jahdem ta' Acting Timekeeper u Supervisor fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Illi r-rikorrent applika ghall-promozzjoni kemm ghall-grad ta' Timekeeper II u Supervisor in segwitu tas-sejha ghall-applikazzjonijiet 130/88 u gab 36 u 33 marka minn total ta' 100 f' kull kategorija meta l-pass mark kienet 60 marka. Ir-rikorrent ma gabx provi li hu kien superjuri ghal min lahaq meta wiehed iqis komplessivament il-kriterji li jippruvaw ingustizzja fl-ghoti tal-promozzjonijiet u cioe` l-aspetti dwar seniority, kwalifiki, referenzi u affarijiet ohra konnessi. Illi ghalhekk anke jekk stess kien haqqu tali promozzjoni din ma gietx pruvata u t-Tribunal ma jistax iqisha bhala ingustizzja.

Izda t-Tribunal ghandu l-obbligu li jqis l-aspett li r-rikorrent ghal zmien twil ghamel xoghol superjuri ghall-grad tieghu. Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciz a fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

“Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita’ jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu.  Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi.  Dan pero’ irid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz.”

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta’ Novembru 2000 it-Tribunal qal:

“Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih d-dritt ghall-promozzjoni.”

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta  6 ta’ Dicembru, 2000.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimat dwar il-promozzjoni li fuqha qed jilmenta r-rikorrent, izda fl-istess hin ihoss li r-rikorrent kellu jinghata kumpens ghall-fatt li ghal zmien twil (izda mill-1987 ‘il quddiem ghax din hija l-kompetenza tat-Tribunal) ghamel xoghol superjuri, u ghal dan il-fini jordna rimedju kumpensattiv favur ir-rikorrent mill-intimat ta’ Lm1600.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------